**IR-RABA' PARTI**
**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**(Sede Superjuri)**

**2 ta' Marzu, 1998**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Joseph Said Pullicino LL.D. - President**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Noel Arrigo LL.D.**

Ir-Repubblika ta' Malta

*versus*

Lawrence Asciak *sive* Axiak u Francis *sive* Frankie Axiaq

## Att ta' l-Akkuża Ppreżentat Tard

*Il-fatt illi l-Avukat Ġenerali ma jkunx ippreżenta l-att ta' l-akkuża fiż-żmien ix-xahar stipulat mil-liġi, u fl-assenza ta' proroga biex jippreżentah ulterjorment, ma jġibx bħala konsegwenza illi jekk dak l-istess att ta' akkuża jiġi ppreżentat sussegwentement u għalhekk oltre l-perijodu ta' xahar imsemmi, dak l-istess att ikun null fit-termini tal-liġi. Il-konsegwenzi tan-nuqqas ta' l-Avukat Ġenerali illi jippreżenta l-att ta' l-akkuża fiż-żmien stabbilit mil-liġi jew permess lilu mill-Qorti permezz ta' proroga jistgħu ikunu diversi fosthom jistgħu anke jwasslu għal-liberazzjoni mill-arrest ta' l-imputat, però mhux ikkontemplat mil-liġi bħala waħda mill-konsegwenzi li l-Avukat Ġeneali huwa prekluż milli jippreżenta l-att ta' l-akkuża xorta waħda avolja jkun skadielu t-terminu f'liema*

*każ mhux talli l-liġi ma tikkontemplax in-nullità ta' dak l-istess att ta' akkuża, anzi fit-termini ta' l-artikolu 602 tal-Kodiċi Kriminali tipprovdi illi dik l-istess preżentata tardiva tista' tinnewtralizza ċerti effetti oħra illi jista' talvolta jkun hemm kieku l-att ta' l-akkuża ma jkunx ġie ppreżentat fiż-żmien stabbilit, il-possibilità li l-imputat jiġi liberat ċjoè meħlus mill-arrest, ma tibqax teżisti jekk sadanittant l-att ta' l-akkuża jkun ġie ppreżentat anke jekk tardivament. Din hija indikazzjoni ċara li l-liġi ma kienet qatt intenzjonata li ttellef id-dritt ta' l-Avukat Ġenerali li jippreżenta l-att ta' l-akkuża allavolja jkun skadielu t-terminu anzi mhux hekk biss, billi ċerti drittijiet ta' l-akkużat illi jkunu in limbo bħal ma huwa dak li jitlob li jiġi lliberat mill-arrest jintilfu appena l-att ta' l-akkuża jiġi ppreżentat sakemm dik it-talba tkun għada ma saritx.*

Il-Qorti:-

Din hija sentenza fuq żewġ appelli magħmula kontra sentenza ta' l-Onorabbli Qorti Kriminali tal-11 ta' Diċembru, 1996;

*Omissis*;

Minn dik is-sentenza appellaw iż-żewġ akkużati b'rikorsi ta' appell separati;

L-appellant Francis *sive* Frankie Axiaq qiegħed jitlob li din il-Qorti jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata billi fl-ewwel lok tħassarha u tirrevoka fl-ewwel parti fejn ċaħdet iż-żewġ eċċezzjonijiet mogħtija minnu b'nota tiegħu tad-9 ta' Frar, 1996, u minflok tilqa' l-imsemmija żewġ eċċezzjonijiet, u fit-tieni lok tikkonferma l-kumplament tas-sentenza appellata;

L-appellant Lawrence Asciak *sive* Axiak qiegħed jitlob li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi fl-ewwel lok tirrevoka fil-parti fejn ċaħditlu l-eċċezzjoni tiegħu mogħtija

permezz tan-nota tad-9 ta' Frar, 1996 minflok tilqa' l-istess eċċezzjoni u fit-tieni lok billi tikkonfermaha fil-kumplament tagħha;

Iż-żewġ appelli huma differenti marġinalment inkwantokke l-appellant Francis *sive* Frankie Axiak kellu eċċezzjoni oħra rigwardanti l-Kap III ta' l-Att ta' l-Akkuża li mhix applikabbli għall-appellant l-ieħor Lawrence Asciak *sive* Axiak. *Il-bqija taż-żewġ appelli huwa terren komuni u jinvolvu l-istess punt ta' dritt li ser jiġi deċiż b'mod li japplika għalihom* it-tnejn, kif del resto għamlet l-Ewwel Onorabbli Qorti fis-sentenza tagħha;

Din il-Qorti sejra tibda l-ewwel biex telimina l-appell ta' Francis *sive* Frankie Axiaq inkwantu jirrigwarda l-eċċezzjoni tiegħu dwar *l-allegata nullità* tal-Kap. *III* ta' *l-att* ta' *l-akkuża*;

Permezz tan-nota tiegħu tad-9 ta' Frar, 1996, ippreżentata quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti, l-appellant Francis *sive* Frankie Axiaq kien eċċepixxa n-nullità tat-tielet kap ta' l-att ta' l-akkuża peress li skond hu dan kien jikser l-artikolu 435 (1) tal-Kodiċi Kriminali minħabba illi r-reat dedott f'dan l-istess kap ma jirriżultax mill-atti tal-kumpilazzjoni illi kienet saret;

Jirriżulta mill-korp tas-sentenza appellata, illi l-Ewwel Onorabbli Qorti ċaħdet din l-eċċezzjoni fuq il-bażi ta' parti minn dik illi allegatament hija stqarrija ta' l-istess akkużat Francis *sive* Frankie Axiaq;

Issa l-appellant qiegħed jissottometti li jħossu aggravat b'dik il-parti tas-sentenza appellata u jirrileva illi meta fl-istqarrija l-akkużat allegatament isemmi *joint* u ma hemm ebda referena għal *cannabis*, huwa irregolari illi wieħed jippresumi illi *joint* hija neċessarjament magħmula minn *cannabis* u

għalhekk fin-nuqqas ta' provi oħra fl-atti tal-kumpilazzjoni a rigward tar-reat ta' traffikar ta' *cannabis* l-Ewwel Qorti ma kellhiex tiċħad l-eċċezzjoni tiegħu;

Illi dina l-Qorti ma jidhrilhiex li għandha żżid fuq dak li effettivament qalet l-Ewwel Onorabbli Qorti, speċjalment tenut kont ta' x'effettivament ried ifisser b'*joint* l-akkużat meta allegatament uża dik il-kelma fl-istqarrija tiegħu li tinsab tifforma parti mill-atti tal-kumpilazzjoni jispetta lill-ġurati jiddeċiduh u ma għandux jiġi prioristikament deċiż minn ħaddieħor. Kif inhuma l-atti tal-kumpilazzjoni, il-kap III ta' l-att ta' l-akkuża huwa perfettament leġittimu, salv dejjem dak illi ngħad fir-rigward ta' l-element ta' provi. Għalhekk dan l-aggravju mhux sostnut u għalhekk din il-Qorti ser tgħaddi għall-aggravju l-ieħor li huwa in komun għaż-żewġ appellanti;

Ikkunsidrat:

Iż-żewġ appellanti qegħdin jikkontestaw dik il-parti mis-sentenza appellata li ċaħdet l-eċċezzjoni tagħhom ta' nullità ta' l-att ta' l-akkuża;

Fi prim'istanza ż-żewġ akkużati kienu eċċepew in-nullità tal-preżentata ta' l-att ta' l-akkuża nru. 6/96 li saret mill-Avukat Generali permezz tan-nota tat-22 ta' Jannar, 1996 u li ġiet ippreżentata fil-Qorti Kriminali stante illi dak l-att ta' l-akkuża ġie ppreżentat barra t-terminu preskritt fl-artikolu 423 tal-Kodiċi Kriminali;

Dik l-eċċezzjoni ġiet miċħuda mill-Ewwel Onorabbli Qorti fis-sentenza appellata u issa l-appellanti qegħdin jissottomettu diversi raġunijiet in sostenn ta' l-aggravju tagħhom;

Senjatament huma jirrilevaw illi f'dan il-kuntest għandha

tinżamm distinzjoni bejn min-naħa l-waħda talba ta' l-akkużat għall-preżentata ta' l-att ta' l-akkuża *ai termini* ta' l-artikolu 422 tal-Kodiċi Kriminali u min-naħa l-oħra d-dritt ta' l-akkużat li jitlob il-liberazzjoni tiegħu *ai termini* ta' l-artikoli 602 tal-Kodiċi Kriminali. Huma jissottomettu illi filwaqt li l-artikolu 432 (1) tal-Kodiċi Kriminali jitkellem ċar li l-Avukat Ġenerali għandu ż-żmien ta' xahar biex jippreżenta l-att ta' l-akkuża, li jibda jgħodd minn dak in-nhar li jirċevi l-att mingħand il-Maġistrat, għaldaqstant, ġaladarba dan it-terminu ma ġiex osservat, il-preżentata ta' l-att ta' l-akkuża tardivament, ċjoè wara li jkun skada dak ix-xahar, għandha timporta n-nullità ta' dak l-att ta' l-akkuża. Huma jirrilevaw illi min-naħa l-oħra l-artikolu 602 tal-Kap. 9 huwa wieħed fakultattiv għall-akkużat tant illi meta l-att ta' l-akkuża ma jiġix ippreżentata fiż-żmien li jmiss, il-Qorti tista', fuq talba ta' l-imputat, tordna li l-imputat jiġi lliberat. Iżda din id-disposizzjoni ma tgħoddx jekk fiż-żmien li ssir it-talba hawn fuq imsemmija l-att ta' l-akkuża jkun ġie ppreżentat. Skond l-appellanti waħda mill-implikazzjonijiet legali hija illi d-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 602 tal-Kodiċi Kriminali ma jneħħi xejn mill-poteri tal-Qorti Kriminali li *tiddikjara n-nullità tal-preżentata ta' l-att ta' l-akkuża ai termini* ta' l-artikolu 432 (1) u 441 (1) (b) tal-Kodiċi Kriminali;

L-appellanti jissottomettu ukoll illi sabiex artikolu tal-liġi jsir jiddependi fuq artikolu ieħor għal biex ikollu l-effetti legali tiegħu dana għandu jirriżulta espressament mil-liġi stess u ma għandux ikun il-frott ta' interpretazzjoni da parti tal-Qorti. Huma jissottomettu illi mkien fil-liġi ta' Proċedura tal-liġi Maltija ma jidher li l-artikolu 431 (1) u 449 (1) (b) huma espressament magħmula jiddependu fuq l-artikolu 602 u għalhekk l-Ewwel Qorti ma setgħet qatt tiskarta dan il-fatt bħala punt ta' dritt. Dana għaliex filwaqt illi mill-fatti tal-proċess jidher ċar li d-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 432 (1) ġew *ivvjolati, xorta waħda l-imsemmija vjolazzjoni, skond* l-Ewwel Qorti, ma tista' qatt iġġib in-nullità tal-preżentata ta' l-att ta' l-

akkuża u dan minħabba l-effetti ta' l-artikolu 602 tal-Kap. 9. Madankollu ma' dan l-argument l-appellanti ma jaqblux;

Ikkunsidrat:

Illi l-punt legali involut f'din il-kwistjoni effettivament diġà ġie ssollevat u deċiż preċedentement u għalhekk f'dan is-sens salvi l-fattispeċje tal-każ partikolari ma jistax jingħad illi bħala punt huwa xi wieħed ġdid. Issir referenza għalhekk mill-ewwel lis-sentenza ta' din il-Qorti tas-17 ta' Ġunju, 1996 in re **Ir-Repubblika ta' Malta kontra Carmelo Muscat** (Att ta' Akkuża 3/95) fejn il-Qorti daħlet funditus fuq il-konsegwenzi legali li jista' jkun hemm dwar il-validità o meno ta' l-att ta' l-akkuża meta dan jiġi pprezentat oltre l-perijodu ta' xahar previst mil-liġi fl-artikolu 432 (1) tal-Kodiċi Kriminali. F'dik l-istess sentenza li għaliha qed issir referenza din il-Qorti kienet ukoll irriferiet għall-ġurisprudenza preċedenti, kollha indikattiva biex tikkonferma jew biex tirribadixxi l-prinċipju illi l-fatt illi l-Avukat Ġenerali ma jkunx ipprezenta l-att ta' l-akkuża fiż-żmien ix-xahar stipulat mil-liġi, u fl-assenza ta' proroga biex jippreżentah ulterjorment, ma jġibx bħala konsegwenza illi jekk dak l-istess att ta' akkuża jiġi pprezentat sussegwentement u għalhekk oltre l-perijodu ta' xahar imsemmi, dak l-istess att ikun null fit-termini tal-liġi. Fil-ġurisprudenza ċitata ġie spejgat, u din il-Qorti issa qed tirribadixxi l-konsegwenzi tan-nuqqas ta' l-Avukat Ġenerali illi jippreżenta l-att ta' l-akkuża fiż-żmien stabbilit mil-liġi jew permess lilu mill-Qorti permezz ta' proroga jistgħu ikunu diversi fosthom jistgħu anke jwasslu għal-liberazzjoni mill-arrest ta' l-imputat, però mhux ikkontemplat mil-liġi bħala waħda mill-konsegwenzi li l-Avukat Ġeneali huwa prekluż milli jippreżenta l-att ta' l-akkuża xorta waħda avolja jkun skadielu t-terminu f'liema każ mhux talli l-liġi ma tikkontemplax in-nullità ta' dak l-istess att ta' akkuża, anzi fit-termini ta' l-artikolu 602 tal-Kodiċi Kriminali tipprovdi illi dik l-istess preżentata tardiva tista' tinnewtralizza ċerti

effetti oħra illi jista' talvolta jkun hemm kieku l-att ta' l-akkuża ma jkunx ġie ppreżentat. Infatti kif din il-Qorti kellha opportunità tispjega fis-sentenza msemmija huwa ċar illi dak li riedet tirraġġunġi l-liġi jemerġi bl-aktar mod ċar mill-istess artikolu 602 tal-Kodiċi Kriminali u jipprovdi li jekk l-att ta' l-akkuża ma jkunx ġie ppreżentat fiż-żmien stabbilit, il-possibilità li l-imputat jiġi lliberat ċjoè meħlus mill-arrest, ma tibqax teżisti jekk sadanittant l-att ta' l-akkuża jkun ġie ppreżentat anke jekk tardivament. Fil-fehma tagħha din hija indikazzjoni ċara li l-liġi ma kienet qatt intenzjonata li ttellef id-dritt ta' l-Avukat Ġenerali li jippreżenta l-att ta' l-akkuża allavolja jkun skadielu t-terminu anzi mhux hekk biss, billi ċerti drittijiet ta' l-akkużat illi jkunu in limbo bħalma huwa dak li jitlob li jiġi lliberat mill-arrest jintilfu appena l-att ta' l-akkuża jiġi ppreżentat sakemm dik it-talba tkun għadha ma saritx;

F'dawn iċ-ċirkostanzi din il-Qorti għalhekk ma għandhiex alternattiva ħlief li bħalma għamlet fl-okkażjoni preċedenti tiddikjara dan l-aggravju bħala wieħed insostenibbli legalment u għalhekk ser jiġi respint;

Għal dawn il-motivi l-appelli taż-żewġ imputati qegħdin jiġu respinti u s-sentenza appellata qed tiġi kkonfermata fil-konfront ta' kull wieħed minnhom;

L-atti qed jiġu rrinvijati lill-Ewwel Qorti għall-kontinwazzjoni skond il-liġi.

---